# 35. Ġejja l-Btala

Ġejja l-Btala
tar-rebbiegħa;
ejjew ninfi għalenija
tal-kampanja niksu l-qiegħa
bit-tapiti ħadranija
tal-furrajna;
l-ebda ħofra mingħajr ħdura
u kull ġebla sewdenija
bil-ħaxix trid tkun mgħottija.
Isa, silla,
mal-ġenbejn tal-għoljiet dendel
id-damask aħmar bħan-nar,
minsuġ kollu ward u nwar.
Isa qarsu,
bid-deheb iksi lill-ħitan,
u l-gwarniċ dwar il-qigħan
tal-furrajna,
u lit-trejqa tawwalija
minn fejn tasal ir-rebbiegħa
żejjen, sebbaħ
b'żewġt iħbula dehbenija.
Isa, xewk,
lill-irkejjen
imla w żejjen,
ixgħel tazzi
fuq il-brazzi
ixgħel xema' bil-mijiet
fil-gandlieri
tal-fergħat wil-weraq tieri.
Mal-ħadid tal-galleriji
dlonk ifirxu jew xebilku
stella maris ħadranija;
dendlu l-gaġeġ bl-amorini,
bil-kanali wil-ġojjini;
doqqu l-qniepen tal-imrieħel,
għax il-ferħ wasal u dieħel!

Oh! kemm għoti trid tagħtikom
malli tasal!

trid timliekom
milja ġid u milja ġmiel,
tam u ful, ħalib bil-qliel,
peprin żgħir
f’tarf il-qamħ u f’tarf ix-xgħir;
smewwiet żoroq u safjin,
qaliet ċari w imlewnin;
trid thennikom
bil-fewġiet ġejjin mgħobbija
bil-fwejħiet bojod żahrija.

Ġejja l-Btala
u kulħadd irid jixxala
fis-sbuħija;
żejnu żejnu għalenija!